II

(Atti mhux leġiżlattivi)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

tat-12 ta' Lulju 2011

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti mill-Ftehim ta' Sħubija dwar is-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tal-Marokk

(2011/491/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43, flimkien mal-Artikolu 218(5), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fit-22 ta' Mejju 2006, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 764/2006 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni [Sħubija] fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tal-Marokk [1].

(2) Il-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti minn dan il-Ftehim ta' Sħubija skada fis-27 ta' Frar 2011.

(3) L-Unjoni nnegozjat mar-Renju tal-Marokk Protokoll ġdid li joffri lill-bastimenti tal-UE opportunitajiet tas-sajd fl-ilmijiet li jaqgħu taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni tal-Marokk.

(4) Fit-tmiem tan-negozjati, il-Protokoll li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti mill-Ftehim ta' Sħubija dwar is-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tal-Marokk (minn hawn 'il quddiem "il-Protokoll") ġie inizjalat fil-25 ta' Frar 2011.

(5) Biex il-bastimenti tal-UE jkunu jistgħu jeżerċitaw l-attivitajiet ta' sajd tagħhom, l-Artikolu 12 tal-Protokoll jipprevedi l-applikazzjoni provviżorja tiegħu mit-28 ta' Frar 2011.

(6) Ikun adatt li l-Protokoll jiġi ffirmat u applikat b'mod provviżorju, sakemm jitlestew il-proċeduri meħtieġa għall-konklużjoni tiegħu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea u r-Renju tal-Marokk li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti mill-Ftehim ta' Sħubija dwar is-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tal-Marokk (minn hawn 'il quddiem "il-Protokoll") huwa approvat f'isem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni ta' dan il-Protokoll.

It-test tal-Protokoll huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat jaħtar lill-persuna jew persuni bis-setgħa li jiffirmaw il-Protokoll f'isem l-Unjoni Ewropea, soġġett għall-konklużjoni tiegħu.

Artikolu 3

Il-Protokoll għandu japplika b'mod provviżorju mit-28 ta' Frar 2011, sakemm jitlestew il-proċeduri meħtieġa għall-konklużjoni tiegħu.

[1] ĠU L 141, 29.5.2006, p. 1.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Lulju 2011.

Għall-Kunsill
Il-President
J. VINCENT-ROSTOWSKI